# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


## MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Għargħur

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 78

Data tal-laqgħa: 27 ta' Diċembru, 2023

*Il-Kunsill Lokali Ħal Għargħur ltaqa' nhar l-Erbgħa, 27 ta' Diċembru 2023 fil-5.30p.m.*

| ***Preżenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| Sindku | Helene Gauci |
| Viċi Sindku | Marilena Hassan |
| Kunsillieri | Christopher Fenech<br>Abraham Aquilina<br>Carl Grech |
| Segretarju Eżekuttiv | Maria Tanti |

Il-laqgħa bdiet fil-5.30p.m. billi ntqalet it-talba.

**78/01** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

**78/01/01** Ma kienx hemm.

**78/02** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 77**

**78/02/01** Ma kienx hemm korrezzjoni fil-Minuti. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-minuti.

**78/03** **Komunikazzjoni mis-Sindku**

**78/03/01** Is-Sindku qalet li s-Sa. Theresa Gauci ser tiġi intervistata bħala parti minn proġett ta' Reġjun Lvant.

**78/03/02** Is-Sindku qalet li l-attività tal-Karnival ħa ssir it-Tnejn, 12 ta' Frar 2024 b'kollaborazzjoni ma' Reġjun Lvant. Kien hemm qbil unanimu.

**78/04** **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

**78/04/01** Ma kienx hemm.

**78/05** **Rapporti, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet**

**78/05/01** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 15 ta' Novembru 2023).

KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162
Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626
Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt

**78/05/02** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 22 ta' Novembru 2023).

**78/05/03** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 29 ta' Novembru 2023).

**78/05/04** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 6 ta' Diċembru 2023).

**78/05/05** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 12 ta' Diċembru 2023).

**78/05/06** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 20 ta' Diċembru 2023).

**78/05/07** Ġiet innutata korrispondenza minn The Malta Foundation for the Wellbeing of Society – Regional Interactive Guiding Hub & Training Society.

**78/05/08** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sa. Marija Vassallo – Funding Opportunity – Network of Towns.

**78/05/09** Ġiet innutata invoice mis-Sur Gerald Vella – MAGF Membership fee for LEADER Programming Period 2023-2027.

**78/05/10** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sur Neville Galea – Ċirkulari Numru SPI/SCI/6/2023 – Korsijiet Lifelong Learning 2024/2025 Offruti mid-Direttorat għar-Riċerka, Tagħlim Tul il-Ħajja u Impjegabilità.

**78/05/11** Ġiet innutata korrispondenza mill-Public Works Department - B'riferenza għat-talba tal-Kunsill Lokali biex isiru *storm water culverts* fi Triq tal-Ferħa, saret spezzjoni fuq is-sit mid-Dipartiment u rriżulta li mhux possibbli li jsiru *culverts* minħabba raġunijiet tekniċi primarjament: Il-livelli ta' din it-triq dejqa huma għolja u ma hemmx żvog naturali għall-ilma tax- xita; Tali xogħlijiet, jekk isiru, jirriżultaw f'possibilta ta' devjazzjoni tal-ilmijiet lejn propjeta' ta' terzi; Hemm l-għelieqi li jinstabu ġo wied naturali u għaldaqstant il-passaġġ tal-ilmijiet tax-xita ma jistax jigi mxekkell. Għaldaqstant it-talba tal-Kunsill mhux possibbli li tiġi milqugħa.

**78/05/12** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sa. Andrea Borg Brincat – Proġett Bee Signs.

**78/05/13** Fuq it-talba ta' residenta biex jitneħħew xi spazji tal-parkeġġ fi Triq ix-Xwieki minħabba li l-vann tal-persuni bi bżonnijiet speċjali ma jkunx jista' jgħaddi. Is-Segretarju Eżekuttiv ser tikteb lil Transport Malta.

**78/05/14** Fuq it-talba ta' residenta biex isir zebra crossing f'Misraħ il-Knisja. Il-Kunsill ma laqax din it-talba.

**78/05/15** Fuq it-talba ta' residenta biex isir stage tallinja f'Misraħ il-Knisja. Il-Kunsill ma laqax din it-talba.

**78/05/16** Fuq it-talba ta' resident għal bankina quddiem ir-residenza fi Triq Fra Duminku Mifsud. Is-Segretarju Eżekuttiv ser tikteb lil Transport Malta u l-Perit Neil Markham.

**78/05/17** Is-Sur Christopher Fenech ressaq li Triq Dun Karm Vella min-nofsha l-isfel tiġi one-way. Is-Segretarju Eżekuttiv ser tieħu parir minn Transport Malta.

**78/05/18** Is-Sur Christopher Fenech ressaq li titpoġġa qasrija kbira fi Triq iċ-Ċawl. Is-Segretarju Eżekuttiv ser tibgħat ittra lir-residenti biex tara jekk jaqblux.

**78/05/19** Is-Sur Christopher Fenech qal li hemm fanal maqtugħ fi Triq il-Kbira k/m Triq iċ-Ċawl.

**78/05/20** Is-Sur Abraham Aquilina qal li hemm bozza maqtugħa fi Triq Vendome k/m Triq Fra D. Mifsud.

**78/05/21** Is-Sur Christopher Fenech ressaq li jitneħħa l-ħaxix ħażin mic-central strip ta' Xwieki.

**78/05/22** Is-Sur Christopher Fenech ressaq li l-bins tal-Ġnien tal-Ponta jiġu sostitwiti. Is-Segretarju Eżekuttiv ser tikteb lil MTA.

**78/06** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

**78/06/01** Is-Segretarju Eżekuttiv ipppreżentat l-iskeda ta' pagamenti pendenti / imħallsa li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-Uffiċċju tal-Kunsill sad-data ta' meta kienet ġiet ippubblikata l-Agenda. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-pagamenti kollha.

**78/07** **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

**78/07/01** Il-laqgħa spiċċat fis-6:00p.m. wara li l-*items* fuq l-*Agenda* ġew eżawriti u ġie unanimament deċiż li laqgħa oħra ssir nhar l-Erbgħa, 10 ta' Jannar 2024 fil-5:30p.m.

*(firmati)* *(firmati)*

**Helene Gauci**
**Sindku**

**Maria Tanti**
**Segretarju Eżekuttiv**